MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 1032/1990/1

**Maria Stella Camilleri Brennan mart John, f'isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Alberta, Angele,**
**Michael, Alexandra u Mario ahwa Camilleri Brennan nominata**
**f'din il-kwalita` permezz ta' digriet tal-5 ta' Novembru 1990**
**ta' din il-Qorti**

**v.**

**John Camilleri Brennan**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Fl-1 ta' Novembru 1990 Maria Stella Camilleri Brennan ("l-attrici / l-appellata") intavolat att tac-citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kontra zewgha John Camilleri Brennan ("il-konvenut / l-appellant"). Hija fissret li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi u mohqrija kemm fil-konfront taghha kif ukoll tal-hames uliedha minuri (li f'isimhom ukoll ghamlet il-kawza kontra zewgha), b'mod li minhabba dawn il-htijiet da parti tal-konvenut, iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment. Ghalhekk talbet lil dik l-Onorabbli Qorti sabiex:

"1. Tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan minhabba htijiet tal-konvenut.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-hames ulied komuni minuri Alberta, Angele, Michael, Alexandra u Mario ahwa Camilleri Brennan f'idejn ommhom l-attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentarja lill-attrici ghaliha u ghall-hames uliedha minuri fuq imsemmija fil-hin, lok u jum li jigi stabbilit minn din il-Qorti.

4. Tiddikjara xjolta il-komunjoni ta' l-akkwisti gia` ezistenti bejn il-partijiet.

5. Tillikwida din il-komunjoni ta' l-akkwisti billi tigi dikjarata li tikkonsisti fil-gid ueffetti li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Tiddividi il-gid hekk likwidat f'zewg porzjonijiet ugwali li wiehed jigi assegnat lill-attrici u l-iehor lill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili fuq riferiti kontra il-konvenut.

2. Il-konvenut ikkontesta l-kawza billi eccepixxa:

1. Illi ma kienx minnu li huwa irrenda ruhu hati ta’ xi haga. Huwa kien dejjem il-vittma tal-mohqrija ta’ l-attrici;
2. Illi dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghal kull eccezzjoni li l-attrici mhix *compos mentis*.

3. L-ewwel Onorabbli Qorti ippronunzjat is-sentenza taghha fit-3 ta’ Dicembru, 2002. Id-dispozittiv ta’ din is-sentenza jaqra hekk:
“Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali tal-konjugi Camilleri Brennan u bi htijiet principalment tal-konvenut ghalkemm l-attrici wkoll ikkontribwiet ghall-falliment taz-zwieg;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Talba peress li l-ulied illum huma ilkoll maggorenni;

Tilqa' it-Tielet Talba billi filwaqt li tastjeni minnha in kwantu talbet il-manteniment ghall-minuri, tilqaghha ghall-manteniment favur l-attrici personalment u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) fix-xahar, liema somma ghandha tigi ridotta ghal mija u tmenin lira Maltin (Lm180) hekk kif huwa jikkonsenja lill-attrici s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) indikata fis-sitt domanda;

Tilqa' r-Raba' Domanda kif dedotta fic- citazzjoni;

Tilqa' l-Hames Domanda u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti fl-inkwilinat tal-fond matrimonjali, oggetti mobbli li jinsabu f'idejn l-attrici u dawk li jinsabu f'idejn il-konvenut u l-investimenti elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

Tiddividi l-assi tal-komunjoni b'dan li l-attrici jkollha d-dritt esklusiv ghall-imsemmi inkwilinat, izzomm il-beni mobbili kollha li prezentement jinsabu fil-pussess taghha, kif ukoll tinghata s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) li ghandha tircievi minghand il-konvenut li minn naha tieghu ghandu jzomm kull dritt esklusiv ghall-inkwilinat fuq il-fond fejn prezentement jirrissjedi, il-beni mobbli kollha li prezentement jinsabu f'idejh u l-flus u depositi u investimenti li huwa ghandu, b'dan li huwa qed

jigi kkundannat ihallas lill-attrici per saldu ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) fi zmien sitt (6) xhur millum bla imghax b'dan li jekk jiskadi inutilment dan it-terminu jibdew jiddekorru l-interessi legali kontra l-istess konvenut; il-konvenut ghandu jkun responsabbli ghall-kontijiet kollha dovuti bhala arretrati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

L-ispejjez fic-cirkostanzi jithallsu kwart mill-attrici u tlett kwarti mill-konvenut."

4. Ghall-kompletezza kopja shiha ta' din is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti qeghdha tigi mehmuza bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**II. L-APPELL**

4. Il-konvenut hassu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk huwa appella minnha quddiem din il-Qorti b'rikors ta' l-appell prezentat fit-23 ta' Dicembru 2002. Ghar-ragunijiet spjegati minnu hemmhekk, l-appellant talab lil din il-Qorti joghogobha:-

"....tirriforma is-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qortii Civili fit-3 ta' Dicembru 2002, billi tikkonferma l-istess sentenza inkwantu laqghet ir-raba' domanda attrici u ddikjarat xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, inkwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici peress illi l-ulied tal-kontendenti huma lkoll maggorenni; inkwantu wkoll iddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti; u nkwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici f'dak illi jirrigwarda l-manteniment mitlub ghall-minuri."

In oltre, l-appellant talab li din il-Qorti joghogobha tirrevoka l-istess sentenza appellata tat-3 ta' Dicembru 2002:

"....inkwantu sabet il-htijiet (illi allura gabu s-separazzjoni) kienu principalment tal-konvenut appellant ghalkemm l-attrici appellata ikkontribwiet ghall-falliment taz-zwieg; inkwantu laqghet it-talba ta' l-attrici ghall-hlas lil tal-manteniment u inkwantu kkundannat lill-appellat ihallas

lill-attrici is-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) fix-xahar, liema somma ghandha tigi ridotta ghal mija u tmenin lira (Lm180) fix-xahar, liema somma ghandha tigi ridotta ghal mija u tmenin lira (Lm180) fix-xahar hekk kif l-istess appellant jikkonsenja lill-attrici s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23000) imsemmija aktar l-isfel; inkwantu laqghet il-hames domanda u likwidat il-komunjoni ta’ akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti fl-inkwilinat tal-fond matrimonjali, oggetti mobbli li jinsabu f’idejn l-attrici u dawk li jinsabu f’idejn il-konvenut appellant u l-investimenti elenkati fis-sentenza appellata; iddividiet l-assi tal-kommunjoni b’dan li l-attrici appellata jkollha d-dritt esklussiv ghall-imsemmi inkwilinat, izzomm il-beni mobbili kollha li prezentement jinsabu fil-pussess taghha, kif ukoll tinghata s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23000) li ghandha tircievi minghand il-konvenut li minn naha tieghu ghandu jzomm kull dritt esklussiv ghall-inkwilinat fuq il-fond fejn prezentement jirrissjedi, il-beni mobbli kollha li prezentement jinsabu f’idejh u l-flus u depoziti u investimenti li huwa ghandu, b’dan li huwa qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici appellata per saldu ta’ sehemha mill-kommunjoni ta’ l-akkwisti s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23000) fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza bla imghax b;dan li jekk jiskadi inutilment dan it-terminu jibdew jiddekorru l-interessi legali kontra l-istess konvenut appellant u inkwantu l-konvenut appellant ghandu jkun responsabbli ghall-kontijiet kollha dovuti bhala arretrati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni; u inkwantu iddecidiet illi l-ispejjez fic-cirkostanzi jithallsu kwart mill-attrici appellat u tlett kwarti mill-konvenut.”

L-appellant ghalhekk talab li din il-Qorti joghogobha tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant u:
“...tiddikjara illi kienet l-attrici appellata illi minhabba l-htijiet taghha gabet it-tifrik taz-zwieg. Tiddikjara illi minhabba l-istess htijiet l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha lilli titlob u tircievi l-manteniment minghand l-appellant zewgha; jew f’kaz illi din l-Onorabbli Qorti tqis illi ma sehhetx tali dekadenza, tillikwida l-manteniment hekk talvolta pagabbli lill-attrici appellata f’somma ferm inferjuri ghall-ammonti likwidati mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, liema manteniment ikun likwidat biss

b'riferenza ghad-dhul ossija l-mezzi tal-kontendenti u l-bzonnijiet rispettivi taghhom u minghajr riferenza allura ghall-hlas o meno mill-istess konvenut appellant ta' xi somma li l-hlas taghha tista' tigi talvolta ordinata minn din l-Onorabbli Qorti; tillikwida l-kommunjoni ta' l-akkwisti bhala konsistenti f'dawk l-assi illi irrizultaw mix-xhieda moghtija mill-appellant u allura inkluza, inter alia, is-somma ta' sittax-il elf lira Maltin (sic) (Lm16500) fil-pussess ta' l-istess attrici appellata, fl-ghamara u oggetti mobili ohra fil-pussess rispettiv tal-kontendenti u l-inkwilinat tad-dar matrimonjali u gravat bid-dejn parafernali tal-konvenut appellat fuq imsemmi, taqsam u tiddividi l-assi u d-dejn hekk likwidat f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja lil kull parti porzjoni wahda kull wiehed u wahda mill-istess porzjonijiet hekk formati u stabiliti; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata."

5. Fir-risposta ta' l-appell taghha l-attrici appellata ikkontestat l-appell ghar-ragunijiet li fissret fl-istess risposta taghha u talbet li din il-Qorti joghogobha tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti billi din hija gusta u ghalhekk timmerita konferma – bl-ispejjez kontra l-appellant.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Permezz ta' din il-kawza, li giet prezentata mill-attrici kwazi hmistax-il sena ilu, saret talba minnha biex il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali minn ma' zewgha minhabba htijiet attribwibbli lilu, u ghamlet ukoll is-soliti talbiet ghall-manteniment taghha u ta' uliedha, li dak iz-zmien kienu ghadhom minuri. Inoltre hija talbet il-kura u l-kustodja taghhom kif ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-konvenut ikkontesta bi shih il-kawza billi qal li huwa ma kien hati ta' xejn u li hu kien biss il-vittma tal-mohqrija ta' martu.

7. Meta l-process wasal quddiem din il-Qorti, l-inkartament kien fih sitt mija u sebgha u tmenin (687) pagna, turija din ta' kemm kienet kombattuta l-kawza quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Ix-xhieda voluminuza li tressqet tikkonsisti, f'parti sostanzjali minnha, minn verzjonijiet dijametrekament opposti dwar kull dettal li xi

wahda mill-partijiet xehedet fuqu. B'hekk, l-ewwel Qorti kellha taghmel ezami kritiku tal-provi li tressqu, kellha taghmel apprezzament ta' l-istess provi u tifforma opinjoni dwar il-kredibilita` rispettiva tal-partijiet. Parti mill-provi ingabru mill-ewwel Onorabbli Qorti stess u l-parti l-ohra ingabru mill-Perit Legali li gie nominat mill-ewwel Qorti u li wkoll gie mitlub li jirrilata dwar il-kaz. Ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti tinsab a fol 397 *et sequitur* tal-process u jidher car li l-ewwel Qorti strahet hafna fuq il-konkluzzjonijiet u l-motivazzjoni kontenuta fir-relazzjoni ta' l-imsemmi abili Perit Legali.

8. Din il-Qorti ma thossx il-htiega li terga' tirrepeti is-sustanza tax-xhieda li nghatat f'din il-kawza, li kif diga` inghad hija tant volumenuza. Minflok sejra tillimita ruhha billi taccenna ghal xi fatti li ghandhom iservu ta' sfond biex din is-sentenza tinftiehem aktar. Il-kontendenti zzewwgu fl-10 ta' Gunju 1962. L-attrici, meta zzewget, kienet ghaxar (10) snin izghar minn zewgha l-konvenut. Il-kontendenti kellhom tmint itfal, cioe` tlett subien u hamest ibniet. Illum dawn it-tfal huma kollha maggorenni, ghalkemm meta bdiet din il-kawza, kwazi hmistax-il sena ilu, hamsa minn dawn it-tfal kienu ghadhom minorenni. It-tifel il-kbir illum ghandu tmienja u tletin (38) sena waqt li t-tifel iz-zghir illum ghandu hamsa u ghoxrin (25) sena. Matul il-konvivenza tal-kontendenti, l-appellant kien kapaci jibni karriera ottima bhala ufficjal fis-servizz pubbliku. Infatti, meta rtira f'Lulju 1989, huwa kien jokkupa l-ufficcju ta' Kap ta' Dipartiment tal-Gvern. Fit-12 ta' Settembru 1990 l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili iddegretat rikors ipprezentat mill-attrici. Bis-sahha tieghu l-attrici giet awtorizzata tintavola l-odjerna kawza, li giet prezentata quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fl-1 ta' Novembru 1990. F'April tas-sena ta' wara, cioe` 1991, l-appellant tkecca fizikament mid-dar konjugali mill-attrici. Ftit ta' zmien qabel, l-attrici kienet kecciet mid-dar matrimonjali l-ewwel lil bintha Esther, li dak iz-zmien kellha wiehed u ghoxrin (21) sena u mbaghad kecciet lil bintha l-ohra Angele. Illum l-appellant ghandu sebgha u sebghin (77) sena, mentri l-attrici appellata ghandha sebgha u sittin (67) sena. L-attrici baqghet tghix fid-dar matrimonjali, jigifieri fil-fond Nru. 40 Triq San Gwann Battista, Tas-Sliema.

Jidher li maghha hemm joqghodu z-zewg ulied subien iz-zghar, li llum ghandhom sebgha u ghoxrin (27) u hamsa u ghoxrin (25) sena rispettivament. L-attrici hija in parti kom-proprjetarja ta' din id-dar, izda din kienet inghatat b'kera lill-konvenut li baqa' jhallas il-kera taghha. Din hija dar imdaqqsa li fiha l-konjugi Camilleri Brennan rabbew il-familja numeruza taghhom. Meta l-konvenut tkecca minn go din id-dar huwa beda jabita f'post zghir f'Tas-Sliema stess li gie misluf lilu minn xi membru tal-familja tieghu.

9. Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina wiehed wiehed l-aggravji li ressaq l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu. Bl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant qieghed jikkritika l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Onorabbli Qorti meta ddecidiet, fuq l-iskorta tar-relazzjoni peritali, li "kienet ir-reghba esagerata u insensata tal-konvenut li principalment tat lok ghall-falliment totali taz-zwieg", imma l-attrici kkontribwiet ghall-problema bil-karattru aggressiv u dominanti taghha. L-appellant ma jaqbel xejn ma' dan l-apprezzament tal-provi relattivi li ghamlet l-ewwel Qorti. Huwa jispjega l-aggravju tieghu b'dan il-mod:
"L-esponent ihoss illi huwa rnexxielu jipprova illi kienet l-arroganza, l-insensittivita` u vjolenza ta' martu illi gabu t-tifrik irrimmedjabbli taz-zwieg. Kif gia` inghad, l-appellant tkecca mill-attrici mid-dar konjugali u ghal xi gimghat wara rrezistiet it-talbiet tieghu u l-pressjoni tal-Pulizija biex terga' ddahhlu fid-dar konjugali. L-appellant kien t-tielet membru tal-familja Camilleri Brennan illi tkecca mill-attrici. Ftit xhur qabel (Ottubru 1990 u Frar 1991, rispettivament) l-attrici kienet kecciet lil Esther u lit-tifla Angele, illi allura kellha biss hmistax-il sena. Fl-1 ta' Mejju 1994, l-attrici gieghelet lil Alberta titlaq mid-dar u f'Marzu 1999, it-tifla Alexandra kellha titlaq mid-dar konjugali wara perijodu ta' glied ma' l-attrici. L-ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlet ebda riferenza ghal dawn il-fatti u sabet minflok illi kien l-appellant illi gab it-tifrik taz-zwieg bix-"xehha" tieghu. Sabet illi gie pprovat illi l-appellant kellu "kapacita` illi jevitaw jaghmel ebda forma ta' pagament safejn umanament possibbli". Dwar dan l-appellant jissottometti illi:-

a) L-ewwel Onorabbli Qorti (ghalkemm donnha hadet ftit konjizzjoni tal-karattru dominanti u vjolenti ta’ l-attrici – l-aktar ghaliex l-istess immanifesta ruhu *in faciem curiae*) ma sabetx illi b’tali karattru l-attrici ftit kienet tkun propensa taccetta r-restrizzjonijiet ovvji u konsistenti illi kellhom ikunu l-konsegwenza naturali tax-“xehha” ta’ l-appellant. Ix-“xehha” ma tezistix f’ vacuum skonnessa mic-cirkostanzi l-ohra tal-hajja. Biex wiehed imantni u jenforza dixxiplina ta’ xehha fuq id-dipendenti tieghu, wiehed irid bilfors jippossjedi livell gholi ta’ awtorita` fuq dawn id-dipendenti. Tali livell irid bilfors jghola aktar ma tkun pervaziva x-xehha imposta. Huwa car illi l-appellant ma kellu ebda awtorita` fuq martu. Anzi l-oppost jirrizulta ampjament mill-provi. L-attrici mhux biss kecciet lill-appellant, izda enforzat tali tkeccija nonostante t-tentattivi tieghu illi jirritorna fid-dar. Meta l-esponent kien ghadu id-dar, kecciet tnejn mill-bniet kontra l-volonta` tieghu. Mara b’dan in-natural ftit taccetta l-impozizzjoni tal-faqar fuqha minn ragel dominat minnha.

b) Hemm konsiderazzjoni ohra li donnha giet injorata mill-ewwel Onnorabbli Qorti. Il-kontendenti kellhom tmint itfal, illi kollha rcevew edukazzjoni tajba. L-esponent kien impjegat tal-Gvern. Wiehed irid jispjega allura kif impjegat tal-Gvern, ghalkemm imlahhaq, jista’ jrabbi familja ta’ tmint itfal hlief b’hafna ghaqal u auto restrizzjoni. Il-kelma “xehha” – cioe` dik illi ghazel li juza l-appellant – hija iebsa iz-zejjed fic-cirkostanzi. L-ewwel Onorabbli Qorti utilizzat il-kelma reghba, b’konnotazzjonijiet illi xejn ma japplikaw ghal persuna illi ghal vicin hamsa u erbghin sena kien fdat mill-awtoritajiet fl-oghla karigi fis-Servizz Pubbliku u dawk l-aktar esposti ghal tentazzjonijiet illeciti.”

10. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fil-process dwar il-kwezit ta’ min mill-partijiet kien jahti ghall-falliment taz-zwieg in kwistjoni. Evidentement, kif soltu jigri, l-parti l-wahda dejjem tipprova titfa’ l-htija fuq il-parti l-ohra, u kull parti tipprova tipprogetta lilha nnifisha bhala persuna ragonevoli u li m’ghandhiex nuqqasijiet. Din il-Qorti jidhrilha li l-istampa li tohrog mill-provi prodotti ma tistax ma tindikax li z-zewg kontendenti kellhom bizzejjed kwalitajiet tajbin biex, kieku verament kellhom il-

volonta`, setghu jaghmlu success miz-zwieg taghhom. Iz-zwieg taghhom falla ghaliex ma kellhomx id-dehen li jzommu certu ekwilibriju u bilanc. Din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-karattri u n-nuqqasijiet rispettivi taz-zewg partijiet, ghalkemm jidhrilha li l-ewwel Qorti pingiet lil konvenut f’termini negattivi aktar milli fil-fatt kien jisthoqlu. M’hemmx dubju li l-konvenut kien izomm lill-familja numeruza tieghu xi ftit jew wisq nieqsa mill-bzonnijiet materjali taghhom. Din il-Qorti ma tahsibx li l-konvenut kien jaghmel hekk ghaliex kien “xhih” jew “rghib” fil-veru sens tal-kelma. Kien jipprova u rnexxielu jgemma’ u jinvesti hafna flus, nonostante li kien dipendenti mill-paga governattiva. Donnu kien preokkupat zzejjed bil-futur ghaliex kien inklinat li aktar jilqa’ ghall-bzonnijiet ta’ ghada milli biex ilehhaq mal-bzonnijiet attwali tal-mument. M’hemmx dubju li hija haga rakkomandabbli li wiehed jahseb ghall-bzonnijiet futuri tal-familja, izda wiehed ikun qieghed jistieden il-ghawg jekk filwaqt li jkun qieghed jaghmel hekk, huwa jkun qieghed iccahhad lill-familja tieghu min-neccessitajiet bazici taghha. Il-konvenut huwa bniedem istruwit u stinka biex jaghti lil uliedu edukazzjoni tajba. Kif diga` intqal, huwa ggenera tmien (8) ulied u dan il-fatt wahdu, ghal din il-Qorti, jindika li l-konvenut ma kienx “xhih” fil-veru sens tal-kelma ghaliex huwa kien minn dejjem konsapevoli li kull wild jehtieg spejjez kbar biex jitrabba sew. M’hemmx dubju li l-konvenut kien ragel bil-ghaqal sew, izda din il-Qorti jidhrilha li sfortunatament mhux dejjem iggwida ruhu b’sens ta’ proporzjon gust. Dana billi ghar-raguni li diga` issemmiet, mhux dejjem jidher li ssodisfa l-bzonnijiet tal-familja tieghu skond il-prijoritajiet li l-mument kien jehtieg. Mill-banda l-ohra m’hemm l-ebda dubju li l-attrici kienet mara biezla u ta’ l-affari taghha u li kellha bicca xoghol sew biex trabbi l-familja numeruza taghha. Sfortunatament tidher li kellha karattru dominanti, kien jitlaghla malajr u kienet pjuttost tadotta attitudni aggressiva ma’ zewgha, fatti dawn li certament ghenu hafna biex iz-zwieg ifalli. Konsegwentement din il-Qorti, kif diga` qalet taqbel sostanzjalment mar-raguni li tat il-Qorti ghat-tifrik taz-zwieg in kwistjoni u li t-tort ghal dan ghandu jaqa’ fuq l-

ispallejn taz-zewg kontendenti, imma l-aktar ghandu jigi attribwit ghall-konvenut.

11. It-tieni aggravju tal-konvenut jirrigwarda l-provvediment li tat l-ewwel Onorabbli Qorti dwar il-manteniment. L-ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) fix-xahar, liema somma kellha tigi ridotta ghal mija u tmenin lira Maltin (Lm180) hekk kif il-konvenut jikkonsenja lill-attrici s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) li tissemma fil-provvediment dwar is-sitt domanda ta’ l-attrici.

12. L-ewwel aspett ta’ l-aggravju relattiv ta’ l-appellat jikkoncerna s-sottomissjoni li l-appellata ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghand zewgha minhabba li kienet l-appellata stess li kienet responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti. Evidentement, din is-sottomissjoni ma tistax tintlaqa’ u dan ghar-raguni li diga` giet spjegata fil-paragrafu precedenti.

13. L-appellant qieghed joggezzjona l-manteniment ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) mensili li l-ewwel Qorti ordnatu li jhallas lill-appellata. Huwa qieghed isostni li dan il-manteniment huwa kompletament ingust ghaliex id-dhul totali tieghu mill-pensjonijiet jammonta ghal cirka tlett mija u sebghin lira Maltija (Lm370) u l-provvediment li tat il-Qorti huwa ghal kollox inkomprensibbli u ma jikkonformax mal-ligi u mal-logika. Huwa jsostni li l-manteniment skond il-ligi huwa determinat b’referenza ghall-bzonnijiet, mezzi u kapacitajiet tad-debitur u tal-kreditur u li dan certament ma jista’ qatt jeccedi d-dhul tad-debitur. L-appellant qieghed isostni li l-kundizzjoni li imponiet fuqu l-ewwel Qorti, meta tat il-provvediment in kwistjoni, m’hijiex skond il-ligi. Qieghed isostni wkoll li din il-kundizzjoni, cioe` li l-manteniment ikun ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) fix-xahar diment li huwa ma jkunx hallas is-somma ta’ tliet u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) li tissemma fl-istess sentenza, hija kundizzjoni oppressiva billi jista’ jigi argumentat illi l-manteniment ikun immedjatament esegwibbli u r-retta alimentari hekk ordnata ssir pagabbli

immedjatament ghalkemm l-ordni ta' hlas tas-somma ta' Lm23,000 ma jkunx esegwibbli minhabba l-pendenza ta' l-appell.

14. Fir-risposta ta' l-appell taghha, l-appellata rrispondiet hekk ghal dan l-aggravju ta' l-appellant:
"Illi mill-proceduri rrizulta illi l-appellant kellu ammont sostanzjali ta' flus u investimenti barra minn Malta li huwa dejjem kien jahbi mill-attrici, liema flus bla dubju kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti. Il-Qorti ikkonkludiet illi l-valur attwali ta' l-investimenti tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li jinstabu f'idejn l-appellant huma ta' hamsin elf lira Maltija u li nofshom huma ta' l-appellata. Hija gustifikata l-ewwel Qorti li rabtet il-hlas tal-manteniment fis-somma ta' erba' mitt lira Maltija mal-hlas mill-appellant lill-appellata tas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin stante li dan ghandu jservi bhala incentiv ghall-appellant sabiex huwa jaghti lill-appellata sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-Qorti apprezzat li huwa impossibli ghall-esponenti li ggib it-Lm23,000 ordnati mill-Qorti, jekk l-istess appellant ma jirritornahomx hu minn jeddu. Ghalhekk fil-kaz li l-appellant ser jibqa' jzomm il-flus ghandu ghad-detriment ta' l-esponenti, mill-interessi li jircievi flimkien mal-pensjoni huwa f'posizzjoni li jhallas il-manteniment ordnat mill-Qorti.

Il-Qorti ma kellhiex alternattiva ghajr li tiehu l-mizuri li hadet meta l-appellant stess sahansitra sfida l-awtorita`ta' l-ewwel Qorti u qal li mhux legalment tenut li jaghti risposti fir-rigward ta' l-investimenti li huwa kellu. Kienet l-ewwel Qorti stess li "*kkonfermat dan l-atteggjament negattiv u ostruzzjonista tal-konvenut, meta staqsietu biex jikteb lill-istituzzjonijiet bankarji ... biex jiddikjaraw l-istorja tal-kontijiet li huwa kien kostrett jammetti dwarhom; nonostante l-verbali cari u espoliciti, l-konvenut baqa' ma ghamilx dan u kellu jkun l-avukat tieghu "fid-dawl tan-nuqqas tal-klijent tieghi" biex isalva s-sitwazzjoni meta impenja ruhu li jikteb huwa stess lil dawn il-banek".* Skond il-Qorti stess l-appellant kien irnexxielu *"fl-iskop ahhari tieghu cioe` li l-Qorti ma tkunx tista' tistabilixxi l-posizzjoni finanzjarja reali tieghu"* u ghalhekk huwa bla dubju li kieku

l-Qorti ma haditx il-mizuri li hadet dan kien ser ikun l-istess atteggjament tal-konvenut biex jghaddi l-flus lill-attrici.

B'din is-sentenza l-Qorti rnexxielha tilhaq bilanc sabiex tissalvagwardja l-interessi ta' l-appellata f'kaz li l-appellant jinjora l-ordni tal-Qorti f'dak li jirrigwarda r-rifuzjoni ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti."

15. Il-Qorti tapprezza li l-ewwel Qorti tat il-provvediment dwar il-manteniment ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) mensili ghaliex jidher li ma tatx kredibilita` ghal dak li qal il-konvenut dwar id-depoziti esteri. Madanakollu, wiehed irid jara jekk dak il-provvediment setghax isir skond il-ligi applikabbli ghall-kaz. Skond il-ligi fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni, meta si tratta ta' adulti u dan skond l-Artikolu19 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 20 ta' l-istess Kodici jiddisponi li l-manteniment jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih. Jiddisponi wkoll li fl-istharrig sabiex jinstab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqla' l-manteniment xort' ohra ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha. Dan l-istess artikolu jkompli jiddisponi li meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qliegh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew pensjoni tieghu moghtija mill-gvern jew minn haddiehor u l-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli. L-istess dispozizzjoni tkompli tghid li meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli. Huma applikabbli ghall-kaz ukoll l-Artikolu 52 tal-Kodici Civili u senjatament l-Artikolu 54 ta' l-istess Kodici.

16. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-manteniment ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) mensili degretat mill-ewwel Onorabbli Qorti ma jidhirx li huwa in sintonija ma' l-imsemmija dispozizzjonijiet tal-ligi. Fil-fehma tal-Qorti, il-manteniment li jinghata skond il-ligi ghandu skop preciz u allura l-provvediment dwar il-manteniment ma jistax jintuza biex minflok jigi assigurat li parti fiz-zwieg tiehu sehemha mill-kommunjoni ta' l-akkwisti. L-iskop tal-manteniment huwa xort' ohra u cioe` kif imfisser fil-

paragrafu precedenti u ghalhekk, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-aggravju relattiv ta' l-appellant huwa gustifikat u hemm lok li jintlaqa'.

17. L-appellant jikkritika wkoll il-provvediment li tat il-Qorti dwar is-somma ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180) dovuta minnu bhala manteniment mensili wara li tkun giet imhallsa minnu l-imsemmija somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltija (Lm23000). L-appellant jispjega dan l-ilment tieghu b'dan il-mod:
"L-appellant jirritjeni illi anke l-manteniment mensili ordnat mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-somma ta' Lm180 hija eccessiva. L-appellant ghandu dhul mill-pensjonijiet tieghu ta' circa Lm370 fix-xahar u dan id-dhul gie ghalhekk maqsum kwazi ugwalment bejn il-kontendenti. Dan ma messu qatt gara billi tali arrangament ma tirriflettix cirkostanzi ta' rilevanza f'dan ir-rigward, cioe` il-fatt illi l-attrici kienet u ghadha tokkupa d-dar matrimonjali; il-fatt illi l-attrici spiss iddahhal lill-istudenti jghixu maghha (d-dar konjugali ghandha sebat ikmamar tas-sodda, zewgt ikmamar tal-banju u erba' toilets u ghalhekk facilment tippresta ruhha ghal dan l-iskop; illi l-attrici mghandhiex ulied minuri jghixu maghha; illi l-attrici hija ghaxar snin izghar mill-appellant u allura ferma anqas dipendenti fuq haddiehor mill-appellant etc."

18. Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tilqa' in parti dana l-aggravju ghaliex tenut kont tac-cirkostanzi kollha relevanti ghall-kaz, u senjatament li l-attrici qeghdha tokkupa d-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' zewgha, jidher li huwa gust li l-manteniment provdut mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-somma ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180) mensili jkun ridott ghas-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160).

19. L-appellant jikkritika d-divizjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti. Huwa ssottometta li d-divizjoni li saret sejra topera b'mod ingust ghalih ghaliex is-sentenza appellata accettat l-allegazzjonijiet kollha ta' l-attrici bhala affermazzjoni ta' fatt u qieset is-sottomissjonijiet tieghu bhala inveritjeri. Ghalhekk huwa ssolleva diversi lanjanzi fil-konfront ta' dan l-aspett tas-sentenza appellata.

20. Dwar id-dar konjugali l-appellant issottometta hekk:
"Id-dar konjugali giet assenjata lill-attrici, illi ghalhekk giet ippremjata talli kecciet lil zewgha mid-dar matrimonjali u umiljatu ghal hdax-il sena. Id-dar hija mikrija minghand il-familjari ta' l-attrici b'kera annwali ta' Lm42. L-attrici kecciet lill-appellant mid-dar konjugali hdax-il sena ilu. Hija ilha tgawdi l-beneficcju ta' '-illegalita` perpetrata minnha ghal dan il-perijodu kollu. L-appellant kien, matul il-konvivenza tal-kontendenti, ghamel diversi xogholijiet fid-dar konjugali. L-appellant jhoss illi l-Qorti ghandha tordna lill-attrici illi tizgombra din id-dar illi minflok tigi okkupata mill-appellant esklussivament. Jekk dan ma jigrix, il-valur ta' l-inkwilinat ghandu jigi likwidat u tali valur jigi imputat, ghall-fini tal-konteggi finali lill-valur tas-sehem assenjat lill-attrici."

21. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti m'hemmx lok li tigi disturbata d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li talloka d-dar matrimonjali lill-appellata. Mill-banda l-ohra, din il-Qorti thoss li l-appellant ghandu ragun li jsostni li ladarba kienet ittiehdet tali decizjoni mill-ewwel Qorti, l-valur ta' l-inkwilinat tad-dar matrimonjali kellu jigi likwidat u imputat ghall-fini tal-konteggi finali biex wiehed jasal ghas-sehem li kellu jigi assenjat lill-attrici. Evidentement, dan il-valur ma giex likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti u ma jidhrilhiex li l-process ghandu jigi mtawwal aktar billi din il-Qorti tordna li ssir likwidazzjoni minn perit u arkitett civili. Fil-fehma tal-Qorti, huwa bizzejjed li f'dan il-kaz tali valutazzjoni ssir fuq il-bazi ta' *arbitrio boni viri* u ghalhekk il-Qorti qeghdha tassenja bhala valur ta' dan l-inkwilinat, is-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000).

22. Lanjanza ohra li ressaq l-appellant fil-konfront tad-divizjoni u l-assenjazzjoni li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti dwar il-kommunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti tikkoncerna kreditu li jallega li ghandu kontra l-komunjoni. Huwa jispjega dan l-ilment tieghu b'dan il-mod:
"L-ewwel Onorabbli Qorti ma tat ebda konsiderazzjoni ghall-fatt illi l-kommunjoni hija gravata b'dejn ta' erbatax-il elf u erba' mitt lira Maltin (Lm14400) dovuta lill-patrimonju parafernali ta' l-appellant u li kien li kellu qabel ma

zzewweg u li introduca fiz-zwieg. L-appellant jerga' jispjega illi huwa kellu sitax-il sena meta beda jahdem u kien izzewweg meta kellu erbgha u tletin sena. Qabel ma zzewweg kien wiret ta' circa erbat elef lira (Lm4000) meta mietet ommu."

23. Anke dan l-aggravju, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, huwa in parti gustifikat. In fatti jirrizulta li l-appellant kien ilu jahdem ghal aktar minn hmistax-il sena qabel ma huwa zzewweg. Il-fatt li kellu karriera ottima bhala impjegat governattiv, tant li meta rtira kien kap ta' dipartiment ma jistax ma jindikax li huwa minn kmieni kien ta' karattru ambizzjuz u habrieki. Aspett iehor tal-karattru tieghu li spikka f'din il-kawza huwa l-propensita` tieghu li jfaddal il-flus. Huwa veru li l-appellant naqas li jipproduci provi dokumentarji biex jissostanzjal l-allegazzjoni tieghu dwar il-patrimonju parafernali tieghu. Madanakollu, din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-aspetti msemmija tal-kaz jidhrilha li fuq bilanc ta' probabiltajiet, hija haga verosimili li qabel izzewweg huwa lahaq gemma somma sostanzjali ta' flus, bhala introjtu minn hidmietu, apparti l-kwistjoni tal-wirt minghand ommu. Din il-Qorti jidhrilha li tkun gusta maz-zewg partijiet jekk, *arbitrio boni viri*, tillikwida is-somma ta' ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) bhala kreditu appartenenti lill-assi parafernali ta' l-appellant, liema somma allura ghandha tigi komputata bhala dejn tal-kommunjoni ta' l-akkwisti.

24. L-appellat jikkritika lill-ewwel Onorabbli Qorti talli ma emnitux li huwa kien halla s-sommu ta' sittax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm16500) fil-librerija fl-istudju tad-dar konjugali. Dwar dan l-aggravju l-appellant ikompli jghid hekk:
"L-appellant kien qaghad attent illi ma jsemmix din is-somma kmieni fil-kors tal-kawza ghaliex is-somma kienet mohbija fost il-kotba u l-karti tieghu u ma xtaqx jizvela l-ezistenza ta' tali ammont meta ma kienx fi grad illi jzomm lil martu milli tapproprija dik is-somma u tinnega l-ezistenza taghha. Gara pero` illi meta l-attrici bdiet tizvela fil-Qorti il-kontenut ta' dokumenti illi kienu merfugha flimkien ma' din is-somma, kien car ghall-appellant illi l-attrici kienet sabet is-somma hekk merfugha u ghalhekk

xehed dwarha. Il-Qorti immeraviljat b'din l-allegazzjoni ma ddikjarat illi ma temminx illi "l-mara hadet id-dokumenti u ma hadetx il-flus". L-appellant jaqbel mal-Qorti. Anzi huwa moralment konvint illi martu hadet sew id-dokumenti u kif ukoll il-flus. Biss ma qalet xejn lill-Qorti b'daqshekk."

25. Din il-Qorti ezaminat il-provi dwar din l-allegazzjoni ta' l-appellat u sabet li l-ewwel Onorabbli Qorti setghet korrettement tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha dwar l-imsemmija somma ta' sittax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm16500). Konsegwentement ma hemm l-ebda lok li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward ta' din l-allegazzjoni.

26. L-appellant jaghmel referenza ghas-somma ta' hamest elef sebgha mija u tmenin lira Maltin (Lm5780) li l-appellant jippretendi li nefaq bhala benefikati fid-dar konjugali matul iz-zwieg. Huwa jilmenta li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tat l-ebda konsiderazzjoni ghal dan il-fatt u jkompli jghid hekk:
"L-appellant ta d-dettalji dwar l-infieq f'dan ir-rigward u l-unika kontestazzjoni illi saret mill-attrici kienet illi din is-somma kienet ghola mill-ammont illi kien semma l-appellant fil-kors tax-xhieda orali tieghu meta ttentat jirrispondi din id-domanda minghajr ma kellu l-opportunita` illi jahseb u jirrifletti sewwa fuq dan l-infieq. Tali kreditu jappartjeni kontra l-kommunjoni ta' l-akkwisti izda ghandu jitqies illi jghabbi s-sidien tad-dar konjugali izda billi l-kundizzjonijiet tal-kiri tal-fond jeskludu l-ezistenza tal-hlas ta' kumpens, il-Qorti ghandha tqis illi tali kreditu jibqa' jiggrava lil min fost il-kontendenti jircievi l-assenjazzjoni tal-kirja ta' l-istess dar."

27. Dettalji ta' dawn l-ispejjez jinsabu elenkati fid-dokument a fol. 441 u 442 tal-process. Jirrizulta mill-istess dokument li x-xogholijiet u l-ispejjez relattivi tista' tghid kollha kemm huma saru fi zmien meta l-appellant u l-appellata kienu jikoabitaw fid-dar matrimonjali. In fatti, l-ewwel spiza saret fl-1982 waqt li l-ahhar tlett partiti (li huma ta' valur relattivament mhux kbir) biss saru wara li l-appellant gie mkecci minn daru. Jirrizulta ghalhekk li l-appellant stess gawda ghal numru zghir ta' snin minn

dawn l-ispejjez u benefikati li saru fid-dar matrimonjali, izda mill-banda l-ohra l-appellata gawdiet ferm aktar minnu minnhom. Ghalhekk, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-aggravju in kwistjoni huwa in parti gustifikat. Hawnhekk ukoll il-Qorti ghamlet ezercizzju ta' likwidazzjoni *arbitrio boni viri* u waslet ghall-konkluzjoni li mis-somma pretiza mill-appellant sejra takkorda biss is-somma ta' erbat elef tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm4335). Dana l-ammont ghandu jkun ikkunsidrat bhala kreditu li jibqa' jiggrava lil min gie assenjat id-dar konjugali cioe` l-attrici appellata, li hija, ta' min wiehed jghid hawn, ukoll wahda mill-kom-proprjetarji ta' l-istess dar.

28. Ilment iehor ta' l-appellant huwa li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tat l-ebda konsiderazzjoni ghall-fatt li kien fadal dejn ta' tlett elef erba' mija u tnejn u tletin lira Matlin (Lm3432) pagabbli lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-appellant stqarr li dan id-dejn kien ferm ikbar izda l-appellant ghamel diversi pagamenti akkont tieghu.

29. Meta qajjem dan l-ilment ghall-konsiderazzzjoni ta' din il-Qorti l-appellant m'ghamel l-ebda refernza ghal xi dokument specifiku fil-process. Fil-fatt din il-Qorti fittxet bis-shih fil-process biex tara hemmx xi dokument li jista' jisostanzja debitamentdin l-allegazzjoni ta' l-appellant u sabet id-dokumenti a fol. 452, 453 u 454 tal-process li huma assessments li jmorru lura ghas-sena 1994 u 1995. Billi din il-Qorti m'ghandhiex il-posizzjoni aggornata tas-sitwazzjoni ta' l-appellant mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, huwa evidenti li din il-Qorti ma hijiex f'posizzjoni li tilqa' dan l-ilment ta' l-appellant.

30. L-appellant ikompli jindirizza l-kritika tieghu ghas-sentenza appellata bil-mod segwenti:
"L-ewwel Onorabbli Qorti ma tat ebda konsiderazzjoni ghall-fatt illi flus u investimenti ohra, partikolarment f'banek esteri ma fadalx, hlief erba' mitt share fis-socjeta` Middle Sea Insurance plc, ta' valur nominali ta' mitejn lira Maltin (Lm200). L-ewwel Qorti ghamlet il-kalkolazzjonijiet taghha u sabet illi ma temminx illi s-sommom illi kienu qabel investiti intefqu lecitament mill-appellant. L-appellant pero` ta dettalji ta' tali nfieq. Huwa mhux biss

hallas kontijiet tat-taxxa (ammontanti ghal vicin Lm8000) izda wkoll ghen lit-tfal tieghu f'diversi ammonti jlahhqu ma' l-eluf tal-liri ukoll. In oltre l-appellant zbanka l-flus ghall-htigijiet tieghu. Ifakkar illi ghal dawn l-ahhar ghaxar snin huwa kien jghix bi dhul ta' bejn mija (Lm100) u mija u hamsin lira (Lm150) fix-xahar, meta martu baqghet tippercepixxi is-somma ta' Lm220 fix-xahar bhala manteniment ghal diversi snin wara illi kienu kibru t-tfal minuri ghalkemm il-manteniment kien gie likwidat ghalihom."

31. Dana l-aggravju ta' l-appellat qieghed jikkritika dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad hekk:
"... jidher li l-konvenut kien iddikjara fl-income tax return li kellu 'il fuq minn Lm4000 oltre 30,000 sterlina - il-kopja tar-Return of Investments li giet ukoll esebita, tista' twassal ukoll ghal cifri ferm ghola. Dan kien 20 sena ilu u fl-intervall il-konvenut dejjem zamm l-imghaxijiet ghal dawn id-depoziti; ghalhekk dan ifisser li jekk tikkonsidra biss dan l-ammont indikat u tikkalkolah bis-sitta fil-mija (huwa risaput li l-interessi ghal snin shah kienu ferm u ferm aktar gholja) irid jigi kalkolat li almenu dahhal Lm1500 fis-sena (cifra ghal kollox konservattiva meta wiehed jara kif il-konvenut kien jaf idawwar u jiddepozita l-investimenti tieghu) u dan ifisser li fl-ghoxrin sena li ghaddew kellu zieda f'liri Maltin ta' almenu Lm30,000; din ic-cifra qed tittiehed biss fuq interessi semplici ghaliex kieku kellu wiehed jikkalkula, kif naturalment kien jaghmel il-konvenut, bil-"compound interest" dan l-ammont ta' zieda kien jasal ghal Lm35,000;"

..... omissis .....

ghal kull buon fini u minhabba r-reticenza tal-konvenut li ma riedx jizvela l-investimenti tieghu bi sfida diretta ghall-ordni tal-Qorti, din il-Qorti tista' tikkonkludi li anke kieku kellu bzonn jizbanka xi haga minn dawn l-interessi minn zmien ghal zmien, xorta tikkalkola li l-valur attwali ta' l-investimenti tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li jinsabu f'idejn il-konvenut, fl-ammont ta' hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u li n-nofs taghhom huwa ta' l- attrici;"

32. Din il-Qorti jidhrilha li a bazi tal-provi akkiwziti fil-process, l-ewwel Onorabbli Qorti setghet ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha dwar id-depoziti esteri ta' l-appellant. Il-Qorti tinnota li a fol. 595 u 596 tal-process l-appellant esebixxa propspett ta' l-izbanki u l-uzu ta' l-imghax u kapital dwar depoziti esteri li kien ghamel. Nonostante li dan il-prospett jikkontjeni cifri konsiderevoli, johrog car pero` li m'huwiex koroborat b'ricevuti u provi dokumentarji ohra. Kien fil-poter tal-konvenut li jikkorabora il-kontenut ta' l-imsemmi prospett bi provi adekwati fosthom b'dokumenti relattivi dwar dawn id-depoziti esteri u dwar l-allegat infiq li ghamel. Il-fatt li dan m'ghamlux certament ma jghinx biex l-aggravju odjern jintlaqa' minn din il-Qorti. L-ewwel Qorti waslet ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25000) bhala sehem ta' l-appellata mill-investimenti appartinenti lill-kommunjoni ta' l-akkwisti. Minn din is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (25000) l-ewwel Qorti akkreditat biss il-konvenut is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) ghall-mobbli li kienu jappartjenu lis-sehem tieghu. B'hekk waslet ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23000) bhala is-somma dovuta lill-attrici per saldu ta' sehemha mill-kommunjoni ta' l-akkwisti. Billi din il-Qorti laqghet diversi lanjanzi li ssolleva l-appellant fl-appell odjern, huwa evidenti li din is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23000) trid tigi ridotta skond ma jinghad fil-paragrafi 21, 23 u 27 supra. It-total ta' dawn il-krediti rispettivi cioe` hamest elef lira Maltin (Lm5000), ghaxart elef liri Maltin (Lm10000) u erbat elef tlett mija u hamsa u tletin liri Maltin (Lm4335) iwassal ghall-ammont ta' dsatax-il elf tlett mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm19135), liema ammont ghandu jigi mnaqqas mis-somma tat-tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23000) originarjament likwidata mill-ewwel Qorti bhala sehem l-attrici mill-kommunjoni ta' l-akkwisti. Ghalhekk, din il-Qorti waslet ghall-ammont ta' tlett elef sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm3665) bhala l-ammont li huwa dovut mill-konvenut appellant per saldu ghal sehem l-attrici mill-kommunjoni ta' l-akkwisti.

33. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell in parte billi:
1. tikkonferma d-decizjoni appellata fejn din:

a) laqghet l-ewwel domanda u ddikjarat is-separazzjoni personali tal-konjugi Camilleri Brennan bi htijiet taz-zewg kontendenti izda principalment tal-konvenut;
b) fejn dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba ta' l-attrici billi l-ulied hemm imsemmija kienu saru maggorenni;
c) fejn dik il-Qorti, b'referenza ghat-tielet talba, astjeniet li takkorda manteniment ghall-minuri billi dawn saru maggorenni;
d) fejn intlaqghet ir-raba' domanda kif dedotta fic-citazzjoni;
2. Tirrevokaha fil-provvedimenti l-ohra kollha li jinsabu fid-disposizittiv tas-sentenza appellata, u minflok:
a) tilqa' it-tielet talba in kwantu tikkoncerna l-manteniment favur l-attrici personalment u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut appellant li jhallas lill-attrici s-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160) pagabbli kull xahar bil-quddiem mid-data ta' din is-sentenza;
b) tilqa' l-hames domanda ta' l-attrici u ghalhekk tillikwida l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti fl-inkwilinat tal-fond matrimonjali, fl-oggetti mobbli li jinsabu f'idejn l-attrici u dawk li jinsabu f'idejn il-konvenut, kif ukoll l-investimenti u l-krediti li jissemmew f'din is-sentenza;
c) tilqa' is-sitt domanda ta' l-attrici billi tiddividi l-assi tal-kommunjoni b'dan li l-attrici jkollha d-dritt esklussiv ghall-inkwilinat tad-dar matrimonjali, izzomm il-beni mobbli kollha li prezentement jinsabu fil-pussess taghha, kif ukoll tinghata is-somma ta' tlett elef sitt mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm3665) liema somma hija ghandha tircievi minghand il-konvenut ghal darba wahda biss. Min-naha tieghu, il-konvenut appellant ghandu jzomm kull dritt li ghandu fuq il-fond fejn prezentement qieghed jirressjedi, ghandu jzomm ukoll il-beni mobbli kollha li prezentement jinsabu f'idejh kif ukoll il-flus u depoziti u nvestimenti li ghandu, b'dan pero` li huwa qieghed jigi kkundannat sabiex ihallas, kif ghadu kemm intqal ghal darba wahda biss, is-somma ta' tlett elef sitt mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm3665) lill-attrici per saldu ta' sehemha mill-kommunjoni ta' l-akkwisti, u dan fi zmien xahar mil-lum bla ebda imghax u bil-kundizzjoni li jekk jiskadi inutilment dan it-terminu, ghandhom jibdew jiddekorru fuq dik is-somma

l-interessi legali kontra l-istess konvenut appellant. Inoltre l-konvenut appellant ghandu wkoll ikun responsabbli ghall-kontijiet kollha dovuti bhala arretrati ta' taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez kollha tal-kawza, kemm ta' l-ewwel istanza u kemm ta' din l-istanza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Deputat Registratur
df

## APPENDICI

Kopja tas-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Dicembru 2002 qed tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------